**Nru. 1378**

**ORDNI TA' KONSERVAZZJONI**

**Regolament 17 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Fawna, il-Flora u l-Ambjenti Naturali, 2006 (L.S.549.44)**

**Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, 2016**

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u r-Riżorsi hija tal-fehma li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

**Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett)**

(kif indikat f'**Tabella 1**) hija ta' importanza Ekoloġika u Xjentifika tant li s-sit ġie identifikat bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni ("SAC") ta' Importanza Internazzjonali (MT0000008) fl-2007 (Notifikazzjoni tal-Gvern 112/07) u huwa sit Natura 2000.

L-Awtorità hija tal-opinjoni li s-sit ser jibbenefika minn aktar miżuri ta' konservazzjoni u, bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lilha bir-Regolament 17 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Fawna, il-Flora u l-Ambjenti Naturali (L.S.549.44) (Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, 2016), li permezz tiegħu tagħmel, fir-rigward ta' kwalunkwe sit fi ħdan sit protett, Ordni ta' Konservazzjoni biex tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-protezzjoni tal-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni ta' ambjenti naturali u ta' flora jew fawna selvaġġi u biex jinżammu jew jiġu restawrati ambjenti naturali u speċi ta' flora u fawna selvaġġi jew karatteristiċi ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi jew fiżjografiċi, l-Awtorità b'dan qiegħda toħroġ Ordni ta' Konservazzjoni fir-rigward tas-sit msemmi hawn fuq.

**Importanza tas-Sit**

Fil-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) jeżistu l-ambjenti naturali t'Anness I (Direttiva 92/43/KEE) li ġejjin:

- **1170 – Reefs**
- **1240 – Vegetated sea cliffs of the Mediterranean coasts with endemic *Limonium* spp.**

L-ispeċi ta' pjanta ta' Anness (Direttiva 92/43/KEE) li ġejja hija preżenti f'dan is-sit:

- ***Linaria pseudolaxiflora***

L-ispeċi ta' annimali ta' Anness (Direttiva 92/43/KEE) li ġejja kienet irrappurta minn dan is-sit:

- ***Zamenis situla***

**No. 1378**

**CONSERVATION ORDER**

**Regulation 17 of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L.549.44)**

**Environment Protection Act, 2016**

The Environment & Resources Authority is of the opinion that the following property, namely:

**Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett)**

(as indicated on **Figure 1**) is of Ecological and Scientific importance such that the site has been designated a Special Area of Conservation (SAC) of International Importance (MT0000022) in 2007 (Government Notice 112/07) and included in the EU's Natura 2000 network.

The Authority is of the opinion that the site will benefit from further conservation measures and, by virtue of its powers under Regulation 17 of Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L.549.44) (Environment Protection Act, 2016), through which it may make, in respect of any site, within a protected site, a Conservation Order to contribute towards ensuring the protection of biodiversity through the conservation of natural habitats and of wild flora or fauna and to maintain and restore natural habitats and species of wild flora and fauna or geological, geomorphological or physiographic features, the Authority is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above site.

**Importance of the Site**

Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) support the following Annex I Habitats (Directive 92/43/EEC):

- **1170 – Reefs**
- **1240 – Vegetated sea cliffs of the Mediterranean coasts with endemic *Limonium* spp.**

The following Annex II species (Directive 92/43/EEC) plant species is present at this site:

- ***Linaria pseudolaxiflora***

The following Annex II species (Directive 92/43/EEC) animal species has been recorded from this site:

- ***Zamenis situla***

Speċi oħra importanti rrappurtati minn dan is-sit jinkludu:

- Speċi ta' pjanti ta' Anness IV (Direttiva 92/43/KEE) u/jew mir-"Red Data Book":
  ***Atractylis cancellata***
  ***Parietaria cretica***
  ***Periploca laevigata* subsp. *angustifolia***
  ***Chiliadenus bocconei***
  ***Urgine apancration***
  ***Inula crithmoides***

- Speċi ta' annimali ta' Anness IV (Direttiva 92/43/KEE) u/jew mir-"Red Data Book":
  ***Ligia italica***
  ***Armadillidium schmalfussi***
  ***Tylos europaeus***
  ***Allophylax picipes melitensis***
  ***Stenostoma melitensis***
  ***Podarcis filfolensis kieselbachi***
  ***Hemidactylus turcicus***
  ***Tarentola mauritanica***

L-importanza tal-wirt tas-sit hija enfasizzata aktar mid-diversi deżinjazzjonijiet tiegħu, inkluż l-istatus tiegħu bħala Riżerva Naturali (Avviż Legali 25 tal- 1993), Santwarju tal-Għasafar (Avviż Legali 41 tal-2003) u l-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' Proprjetajiet Skedati skont it-Taqsima 81 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-2010 bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell 1 (AEI), Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell 1 (SSI) għall-ekoloġija tiegħu u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell 2 (SSI) għall-ġeomorfoloġija tiegħu (NG 827 tal-2002). Il-gżejjer jinsabu f'Żona Speċjali ta' Konservazzjoni fil-Baħar ta' Importanza Internazzjonali (MT0000105 – Żona fil-Grigal ta' Malta) u sit Natura 2000.

Il-konservazzjoni tal-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) ser tinkiseb prinċipalment permezz tat-tkomplija tad-deżinjazzjoni tagħhom bħala Riserva Naturali, restrizzjoni ta' aċċess u kontroll tal-attivitajiet li jistgħu jsiru fuq il-gżira u l-ibħra ta' madwarha, riabilitazzjoni tal-ambjenti naturali u protezzjoni tal-ispeċi, u miżuri biex tinqered il-popolazzjoni ta' firien u jiġi evitati invażjonijiet oħra, filwaqt li titjieb il-kuxjenza fuq l-importanza tas-sit, monitoraġġ tas-sit u l-infurzar effettiv tal-liġi.

**Il-viżjoni għas-sit**

Il-viżjoni għall-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) hija sommarju tar-riżultat mixtieq għas-sit wara perjodu ta' tmexxija ta' din iż-żona protetta. Il-viżjoni għas-sit hija:

*Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) huma fost l-elementi ta' xenarju ikoniku ta' Malta b'sinifikat soċjo kulturali u reliġjuż kbir. Numru ta' speċi rari jgħixu fl-ambjenti fuq il-*

Other important species known from the site include:

- Annex IV (Directive 92/43/EEC) and/or Red Data Book plant species:
  ***Atractylis cancellata***
  ***Parietaria cretica***
  ***Periploca laevigata* subsp. *angustifolia***
  ***Chiliadenus bocconei***
  ***Urginea pancration***
  ***Inula crithmoides***

- Annex IV (Directive 92/43/EEC) and/or Red Data Book animal species:
  ***Ligia italica***
  ***Armadillidium schmalfussi***
  ***Tylos europaeus***
  ***Allophylax picipes melitensis***
  ***Stenostoma melitensis***
  ***Podarcis filfolensis kieselbachi***
  ***Hemidactylus turcicus***
  ***Tarentola mauritanica***

The site's heritage importance is further emphasised by its multiple designations, including its status as a Nature Reserve (Legal Notice 25 of 1993), a Bird Sanctuary (Legal Notice 41 of 2003) and its inclusion in the list of Scheduled Properties in terms of Section 81 of the Environment Protection, Act 2016 as a Level 1 Area of Ecological Importance (AEI), a Level 1 Site of Scientific Importance (SSI) for its ecology and a Level 2 Site of Scientific Importance (SSI) for its geomorphology (GN 827 of 2002). The islets are located within a Marine Special Area of Conservation of International Importance (MT0000105 – Il-Grigal ta' Malta) and a Natura 2000 site.

Conservation of Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) will be mainly achieved through its continued designation as a Nature Reserve, restriction of access and control of activities that can be undertaken on the islet and its surrounding waters, rehabilitation of habitats and protection of species, and measures to eradicate the rat population and prevent further invasions, while improving awareness of the site's importance, site monitoring and effective enforcement of legislation.

**Vision for the Site**

The vision for Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) summarises the desired outcome for the site after a period of management of this protected area. The vision for the site is:

*Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) are among Malta's iconic scenery elements having also great socio-cultural and religious significance. Environmentally, the islands support*

*għira, partikolarment l-popolazzjoni ta'* Podarcis filfolensis kieselbachi *(sotto speċi ta' gremxula endemika għall-dawn il-gżejjer), li ser tkun protetta u jittieħdu miżuri biex jiffaċilitaw iż-żieda tagħha. L-ambjenti naturali ser ikunu restawrati għal stat aħjar u l-popolazzjonijiet ta' flora u fawna tal-post li tinstab fuq il-gżejjer ser ikunu sostnuti. Il-gżejjer ser jiġu meħlusa mill-firien u l-aċċess għan-nies għall-gżejjer ser ikun ikkontrollat biex kwalunkwe attività li ssir fuq il-gżira u l-ibħra tal-madwar issir f'armonija mal-bżonnijiet tal-konservazzjoni tas-sit. Is-sit ser ikompli jirċievi protezzjoni legali sħiħa implimentata skont il-leġislazzjoni u politiki nazzjonali filwaqt li jkompli jaqdi l-irwol soċjo-kulturali tiegħu.*

**L-Objettivi ta' Tmexxija**

L-objettivi ta' tmexxija għas-sit huma:

1. Li jiġi żgurat li l-medda, l-istruttura u l-funzjoni tal-ambjent naturali 1170 jinżammu.
2. Li jiġi żgurat li l-medda tal-ambjent naturali 1240 tinżamm u l-istruttura u l-funzjoni tiegħu jitjiebu.
3. Li jiġi żgurat li *Linaria pseudolaxiflora* tokkupa l-firxa kollha tagħha ġewwa s-sit u l-popolazzjoni tikseb status favorevoli.
4. Li jitjiebu l-istruttura u l-funzjoni tal-ambjent naturali ta' *Linaria pseudolaxiflora* u sussegwentement jiġu miżmuma.
5. Li jiġi żgurat li *Zamenis situla* tokkupa l-firxa kollha ġewwa s-sit.
6. Li tiġi żgurata ż-żamma fit-tul tal-firxa, daqs tal-popolazzjoni, u l-istruttura u l-funzjoni tal-ambjent naturali ta' *Zamenis situla*.
7. Li jiġi żgurat li l-popolazzjoni ta' *Podarcis filfolensis kieselbachi* tiżdied.
8. Li jinżammu popolazzjonijiet f'saħħithom tal-ispeċi ta' Anness IV u speċi tar-"RDB" preżenti fis-sit.
9. Li jitwaqqaf qafas ta' tmexxija xieraq u titqajjem kuxjenza ekoloġika fost il-viżitaturi.
10. Li jiġu infurzati r-regolamenti previsti bil-leġislazzjoni u jiġi żgurat li ma jseħħu l-ebda attivitajiet illegali ġewwa s-sit.

Filwaqt li l-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) huma meqjusa li għandhom valur konsiderevoli minn perspettiva xjentifika u ekoloġika, huma jbatu minn impatti mhux imtaffija minħabba aċċess għall-bniedem mhux ikkontrollat u kwistjonijiet relatati ta' rfis u rimi, żieda fil-popolazzjoni tal-firien u l-impatti tagħhom fuq il-ħajja selvaġġa u impatti minn kolonizzazzjoni minn pjanti li jimirħu f'ambjenti disturbati u minn speċi mhux tal-post invażivi. It-theddidiet prinċipali għas-sit huma d-daqs żgħir tiegħu u l-attrazzjoni rikreattiva għal baħħara ta' jottijiet, kuxjenza pubblika dwar il-fraġilità tas-sit baxxa, u nuqqas ta' infurzar effettiv ta' regolamenti eżistent.

*a number of rare species, in particular the population of* Podarcis filfolensis kieselbachi *(a sub-species of lizard endemic to these islands), which will be protected and measures taken to facilitate its increase. The natural habitats will be restored to a better state and the populations of native flora and fauna found on the islets will be sustained. The islets will be rendered rat free and human access to the islets will be controlled such that any activities undertaken on the islet and its surrounding waters are practiced in harmony with the site's conservation needs. The site will continue to receive full legal protection implemented in accordance with national legislation and policies while continuing to serve its socio-cultural role.*

**Management Objectives**

The Management Objectives for the site are:

1. To ensure that the area, structure and function of habitat 1170 are maintained.
2. To ensure that the area of habitat 1240 is maintained and its structure and function are improved.
3. To ensure that *Linaria pseudolaxiflora* occupies its full range within the site and the population achieves a favourable status.
4. To improve the structure and function of the habitat of *Linaria pseudolaxiflora* and subsequently maintain it.
5. To ensure that *Zamenis situla* occupies its full range within the site.
6. To ensure the long-term maintenance of the range, population size, and the structure and function of the habitat of *Zamenis situla*.
7. To ensure that the population of *Podarcis filfolensis kieselbachi* increases.
8. To maintain healthy populations of the Annex IV and RDB species present at the site.
9. To set up an appropriate management framework and raise ecological awareness among visitors.
10. To enforce the regulations foreseen by legislation and ensure that no illegal activities take place within the site.

Whereas Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) are considered to be of considerable value from a scientific and ecological perspective, they suffer from unmitigated impacts from uncontrolled human access and related trampling and littering issues, increase in the rat population and their impacts on wildlife and impacts from colonisation by ruderals and invasive non-native species. The main threats to the site are its small size and recreational attraction to yachters, low public awareness of the site's fragility, and a lack of effective enforcement of existing regulations.

Għall-konservazzjoni tas-sit l-atteġġjament il ġej ser jittieħed:

1. Iż-żona tkompli tiġi kkonservata bħala Riserva Naturali.
2. Aċċess għas-sit għandu jiġi kkontrollat minħabba l-fraġilità tas-sit u l-attivitajiet fuq il-gżejjer għandhom jiġu ristretti; attivitajiet tal-massa m'għandhomx jitħallew isiru.
3. Implimentazzjoni ta' programm tal-qerda tal-firien fuq perjodu ta' żmien fit-tul.
4. Speċi li jimirħu f'ambjenti disturbati u speċi aljeni invażivi preżenti li jaffettwaw l-ambjenti naturali ser jitneħħew mis-sit u isegwiti biex jiġi żgurat li ma jerġgħux jitfaċċaw.
5. Restawr tal-ambjenti naturali.
6. Razzjonalizzazzjoni ta' mogħdijiet pedonali u restawr tal-ħitan tas-sejjieħ.
7. Programmi ta' spezzjoni u monitoraġġ biex tkun żgurata s-sopravivenza fit-tul tal-ispeċi li jgħixu fiż-żona.
8. Konservazzjoni e*x situ* u introduzzjoni mill-ġdid ta' *Podarcis filfolensis kieselbachi* biex tiżdied id-daqs tal-popolazzjoni tagħha.
9. It-tmexxija tal-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) ser jibqa' responsabilità tal-Gvern ta' Malta permezz tal-ERA (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-»maniġer tas-sit").

Il-kundizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet li ġejjin marbuta, mal-objettivi tat-tmexxija għandhom ikunu applikati fit-tmexxija/fil-konservazzjoni taż-żona:

**A. Żamma ta' ambjenti naturali u speċi**

1. Il-maniġer tas-sit għandu jispezzjona annwalment l-ambjenti naturali ta' Anness I fis-sit biex jirrekordja l-firxa, struttura u funzjoni tagħhom u biex jidentifika kwalunkwe miżuri ta' tmexxija addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa.
2. Il-maniġer tas-sit għandu jagħmel stħarriġ annwali fuq il-popolazzjoni ta' *Linaria pseudolaxiflora* kull Marzu/April biex jistabbilixxi l-firxa u d-daqs tal-popolazzjoni u jistabilixxi xejriet. Dejta minn dawn l-istħarriġ ser tintuża biex jiġi stabbilit il-Valur ta' Referenza Favorevoli ta' din l-ispeċi f'dan is-sit għal miżuri ta' tmexxija fil-futur.
3. Il-maniġer tas-sit għandu jagħmel stħarriġ annwali biex jiddetermina d-daqs tal-popolazzjoni u biex jitraċċa l-firxa okkupata minn *Zamenis situla*. Dawn jiġu suplimentati minn stħarriġ staġonali biex xejriet li jaffettwaw il-popolazzjoni jkunu segwiti.
4. Fl-ewwel sena wara l-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jintervjeni biex ineħħi speċi aljeni

The following approach to the site's conservation will be taken:

1. The area shall continue to be conserved as a Nature Reserve.
2. Access to the site is to be controlled in view of the site's fragility and activities on the islets restricted; no mass activities shall be allowed.
3. Implementation of a rat eradication programme over the long-term.
4. Existing ruderal and invasive alien species affecting the habitats will be removed and the site monitored to ensure against their re-emergence.
5. Restoration of the natural habitats.
6. Rationalisation of footpaths and restoration of rubble walls.
7. Inspections and monitoring programmes to ensure the long-term survival of the species inhabiting the area.
8. Ex situ conservation and reintroduction of *Podarcis filfolensis kieselbachi* to increase its population size.
9. The management of Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) will remain the responsibility of the Government of Malta through the ERA (hereinafter referred to as the "site manager").

The following conditions and provisions linked to the Management Objectives are to be applied when managing/conserving the area:

**A. Maintaining habitats and species**

1. The site manager shall annually inspect the Annex I habitats on site to record their extent, structure and function and to identify any additional management measures that may be required.
2. The site manager shall carry out annual surveys of the population of *Linaria pseudolaxiflora* every March/April to determine the extent and size of the population and establish trends. Data from these surveys will be used to establish the Favourable Reference Value of this species at this site for future management measures.
3. The site manager shall carry out annual surveys to determine the population size and to map the range occupied by *Zamenis situla*. These will be supplemented by seasonal surveys to monitor the trends affecting the population.
4. Within the first year following the issue of this Order, the site manager shall intervene to remove

invazivi u speċi li jimirħu f'ambjenti disturbati mill-gżejjer. Wara l-ewwel intervent, il-maniġer tas-sit għandu jispezzjona s-sit kull sitt xhur għal kwalunkwe interventi addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex jitneħħew nebbieta ġodda ta' dawn l-ispeċi.

5. Fi żmien sitt xhur mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jikkonsulta mad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali biex jistabbilixxi mill-ġdid programm tal-qerda tal-firien minn fuq il-gżejjer u biex jikkumplimentah bi programm ta' kontroll tal-firien fuq l-art b'iswit il-gżejjer (ara **Tabella 2**).
6. Fi żmien sena mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit iħejji pjan għar-restawr tal-ambjent naturali 1240 u r-riġenerazzjoni tal-ispeċi ta' fjuri xierqa tipiċi ta' dan l-ambjent. Il-pjan jibda jiġi implimentat fit-tieni sena u segwit annwalment għal kwalunkwe adattament li jkun meħtieġ.
7. Fi żmien sena mill-ħruġ ta' din l-Ordni il-maniġer tas-sit għandu jagħmel stħarriġ biex jiddetermina d-daqs tal-popolazzjoni ta' *Podarcis filfolensis kieselbachi* u sussegwentament jivvaluta l-fattibilità li jwettaq konservazzjoni *ex situ* ta' din l-ispeċi segwita b'introduzzjoni mill-ġdid, bl-għan li fi żmien ħames snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni tiżdied id-daqs tal-popolazzjoni ta' din is-sotto speċi.
8. Fi żmien tliet snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jelabora Pjanijiet ta' Azzjoni għal speċi ta' Anness IV u speċi tar-"RDB" irrapurtati minn din l-"SAC" għal miżuri ta› tmexxija fil-futur li jikkonċernaw dawn l-ispeċi.

**B. Tkabbir ta' kuxjenza fuq l-importanza tas-sit u l-ispeċi tiegħu**

1. Il-maniġer tas-sit, fi żmien sena mill-ħruġ ta' din l-Ordni, għandu jfassal kampanja edukattiva li tiffoka fuq l-importanza tal-ġżejjer u l-ambjenti naturali u l-ispeċi tagħhom, l-impatti tal-preżenza tal-bniedem, raġunijiet għaliex l-aċċess huwa ristrett, u gwida fuq kodiċi ta' kondotta meta jsiru żjajjar fis-sit. Dan għandu jsir skont l-istrateġija ta' interpretazzjoni għal Natura 2000 li ser issir madwar il-pajjiż kollu.
2. F'ħames snin mill-ħruġ ta› din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jkun ipproduċa produzzjoni awdjoviżiva u materjal edukattiv ieħor immirat għat-tfal tal-iskola u partijiet ikkonċernati lokali bl-għan li tiżdied il-kuxjenza dwar il-gżejjer u l-ambjenti naturali u l-ispeċi tagħhom. Dan għandu jsir skont l-istrateġija ta' interpretazzjoni għal Natura 2000 li ser issir madwar il-pajjiż kollu.
3. Fi żmien l-ewwel sajf wara l-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet ma' sidien ta' jottijiet, operaturi ta' bastimenti, sajjieda u rappreżentanti tagħhom, u

alien invasive species and ruderal species from the islets. Following the initial intervention, the site manager shall inspect the site every six months for any additional interventions that may be necessary to remove any new sproutings of such species.

5. Within six months of the issue of this Order, the site manager shall consult with the Environmental Health Directorate to re-establish a rat eradication programme on the islets and to compliment it with a rat control programme on the adjacent mainland (see **Figure 2**).
6. Within one year from the issue of this Order, the site manager shall prepare a plan for the restoration of habitat 1240 and the regeneration of appropriate floral species typical of this habitat. The plan shall start to be implemented on the second year and monitored annually for any adaptation that may be required.
7. Within one year from the issue of this Order the site manager shall carry out surveys to determine the size of the population of *Podarcis filfolensis kieselbachi* and subsequently assess the feasibility of undertaking *ex situ* conservation of this species followed by reintroduction, with the aim of increasing the size of the population of this sub-species within five years of the issue of this Order.
8. Within three years from the issue of this Order, the site manager shall elaborate Action Plans for the Annex IV and RDB species known from this SAC for future management measures concerning these species.

**B. Raising awareness on the importance of the site and its species**

1. The site manager shall, within one year from the issue of this Order, devise an educational campaign focusing on the importance of the islets and their habitats and species, the impacts of human presence, reasons why access is restricted, and guidance on codes of conduct when visiting the site. This shall be done in accordance with the interpretation strategy for Natura2000 that will be carried out nationwide.
2. Within five years from the issue of this Order, the site manager shall have produced an audio-visual production and other educational material to target school children and local stakeholders with the aim of increasing awareness on the islets and their habitats and species. This shall be done in accordance with the interpretation strategy for Natura2000 that will be carried out nationwide.
3. Within the first summer following the publication of this Order, the site manager shall engage in discussions with yacht owners, ferry boat operators, fishermen and their representatives, and the near-by

l-operatur tar-razett tat-trobbija tal-ħut li hemm viċin biex titqajjem kuxjenza dwar il-gżejjer u rekwiżiti relatati ma' permess biex jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom jipproteġu l-ġżejjer u l-ambjent tagħhom.

4. Il-maniġer tas-sit għandu jħejji fuljetti informattivi u jinvolvi ruħu fi programmi immirati u li jilħqu lil min jagħmel żjara ta' jum fuq il-gżejjer biex jispjega l-importanza tal-ambjenti naturali u l-kodiċi ta' kondotta għal żjajjar tal-gżejjer.
5. Fi żmien sena mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jinstalla tabella ta' informazzjoni fuq il-moll tal-gżira/post/ijiet ta' żbark li tagħti informazzjoni dwar l-importanza tal-"SAC" u li jemfasizza l-azzjonijiet li l-pubbliku għandu jevita li jagħmel waqt li qiegħed iżur il-gżira sabiex jissalvagwardja l-ambjent fraġli. Dan għandu jsir skont l-istrateġija ta' interpretazzjoni għal Natura 2000 li ser issir madwar il-pajjiż kollu.
6. Fi tliet snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu japplika għal u jinstalla tabella ta' informazzjoni li tiddeskrivi l-gżejjer u l-importanza tagħhom fuq ix-xatt ta' San Pawl il-Baħar/Buġibba. Dan għandu jsir skont l-istrateġija ta' interpretazzjoni għal Natura 2000 li ser issir madwar il-pajjiż kollu.
7. Il-maniġer tas-sit għandu jipprovdi servizz ta' gwardjan għall-gżira matul ix-xhur tas-sajf sabiex jinfurza r-regolamenti u jqajjem kuxjenza dwar l-importanza ambjentali tal-gżira.

**C. Regolazzjoni tal-attivitajiet**

1. Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) għandhom ikomplu jiġu protetti bħala Riserva Naturali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1993 dwar ir-Riserva Naturali tal-Gżejjer Selmunett (Gżejjer ta' San Pawl), 1993, Avviż Legali 25 tal-1993, u din l-Ordni.
2. L-aċċes għall-gżejjer huwa biss permissibbli bejn tlugħ u nżul ix-xemx, u dan biss b'permess ta' dħul li jinkiseb mill-ERA. Il-permess ta' dħul jista' jinħareġ bi ħlas, li jiġi indirizzat għal miżuri ta' tmexxija fuq il-gżira. Persuni li jirfsu fuq il-gżejjer mingħajr il-permess ta' dħul meħtieġ ikunu qed jiksru din l-Ordni. Il-ERA għanda tkun awtorizzata li tistabbilixxi limiti ta' kuljum għan-numru ta' viżitaturi li jingħataw permess ta' dħul.
3. Operaturi ta' dgħajjes tal-passiġġieri reġistrati ma' Transport Malta u li jixtiequ jipprovdu servizz bill-lanċa għall-gżejjer għandhom ikunu meħtieġa li jirreġistraw mal-ERA u li jiksbu liċenzja speċjali li tawtorizżhom li jagħmlu din l-attività. Kwalunkwe persuna li twassal viżitaturi fil-gżejjer mingħajr il-permess meħtieġ tkun qed tikser id-dispożizzjonijiet

fish farm operator to raise awareness on the islets and related permit requirements to ensure that their activities protect the islets and their environment.

4. The site manager shall prepare information leaflets and engage in outreach programmes targeting day trippers to the islets to explain the importance of the habitats and the code of conduct for visits to the islets.
5. Within one year from the issue of this Order, the site manager shall install an information panel at the islet's jetty/landing place/s providing information on the importance of the SAC and highlighting actions that the public should avoid doing while visiting the islet in order to safeguard the fragile environment. This shall be done in accordance with the interpretation strategy for Natura2000 that will be carried out nationwide.
6. Within three years of the issue of this Order, the site manager shall apply for and install an information panel on the St Paul's Bay/Bugibba waterfront promenade describing the islets and their importance. This shall be done in accordance with the interpretation strategy for Natura2000 that will be carried out nationwide.
7. The site manager shall provide a warden service for the islet during the summer months in order to enforce regulations and raise awareness on the islet's environmental importance.

**C. Regulation of activities**

1. Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) shall continue to be protected as a Nature Reserve in line with the provisions of the Selmunett Islands (St. Paul Islands) Nature Reserve Regulations, 1993, Legal Notice 25 of 1993, and this Order.
2. Access to the islets is only permissible between sunrise and sunset and then only against an entry permit obtainable from the ERA. The entry permit may be issued against a fee, which shall be directed towards management measures on the islet. Persons setting foot on the islets without the requisite entry permit shall be in breach of this Order. ERA shall be authorised to establish daily limits to the number of visitors granted an entry permit.
3. Operators of passenger boats registered with Transport Malta and wishing to provide a ferry service to the islets shall be required to register with the ERA and to obtain a special license authorising them to undertake such an activity. Any person ferrying visitors to the islets without the necessary permit shall be in breach of the provisions of this

ta' din l-Ordni. Il-ERA ser tkun awtorizzata li timponi u tinforza kwalunkwe kundizzjonijiet f'dawn il-liċenzji li jkunu mmirati biex jissalvagwardjaw l-ambjent tal-gżejjer u tirrevoka dawn il-liċenzji f'każ ta' kwalunkwe ksur ta' kundizzjonijiet jew evidenza ta' ħsara ambjentali mill-pressjoni tal-viżitaturi.

4. Ebda grupp ta' aktar minn 10 persuni ma għandu jirfes fuq il-gżejjer f'ħin wieħed, sakemm ma jkunx awtorizzat kif xieraq mill-ERA qabel l-attività u wara valutazzjoni tal-impatti tal-attività proposta fuq l-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit.
5. Il-mogħdija pedonali tal-konkrit eżistenti fuq il-gżira prinċipali li twassal mill-moll sal-istatwa ta' San Pawl għandha tinżamm u tiġi mantenuta. Ebda mogħdijiet pedonali addizzjonali fuq il-gżejjer m'ghandhom jitħallew isiru.
6. Ħlief għal ħaddiema involuti fit-twettiq ta› xogħol ta› tmexxija speċifiku fuq il-gżejjer, viżitaturi huma meħtieġa li jżommu biss mal-mogħdija pedonali deżinjata.
7. Il-qtil, qbid, insib, żamma fil-magħluq, ibbalzmar, sfruttament kummerċjali, kif ukoll qtugħ u kaċċa ta' kwalunkwe speċi ta' flora u fawna fuq jew mill-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) huwa pprojbit, ħlief għall-iskop ta' studju xjentifiku f'każijiet partikolari biss u kif ipprovdut f'din l-Ordni.
8. Ħlief kif ipprovdut f›din l-Ordni, l-ebda żvilupp fiżiku jew twaħħil ta› tagħmir ikun xi jkun ma ghandu jitħalla isir fl-ebda post fuq il-gżejjer.
9. Strutturi riċenti li ma jintużawx ser jiżżarmaw sabiex is-sit battal tagħhom ikun jista' jirriġenera b'mod naturali sakemm dan l-intervent ma jitqiesx li joħloq impatti inaċċettabbli, f'liema każ, id-dispożizzjonijiet tar-regolament C(20) japplikaw.
10. Pikniks, barbikjus, ikkampjar u attivitajiet rikreattivi oħra (ħlief kif ipprovdut f'din l-Ordni) huma strettament ipprojbiti fl-"SAC".
11. Ma titħalla ssir l-ebda attivitaà kummerċjali fl-ebda post fis-sit.
12. Tkebbis ta' kwalunkwe forma ta' nar fuq il-gżejjer huwa strettament ipprojbit.
13. L-aċċess għal "pets" fuq il-gżejjer huwa pprojbit.
14. L-introduzzjoni ta' kwalunkwe speċi ta' annimal jew pjanta li mhux tal-gżejjer hija strettament ipprojbita.
15. L-introduzzjoni jew ġarr ta' kwalunkwe oġġetti ta' ikel fuq il-gżejjer hija strettament ipprojbita.
16. Tfiegħ jew rimi ta' skart ta' kwalunkwe materjal fi kwalunkwe parti fl-SAC huwa strettament projbit.
17. Tindif bl-idejn ta' bċejjeċ akkumulati li jżommu fil-wiċċ tal-ilma ("flotsam") mill-kosta tal-gżira għandu isir perjodikament mill-maniġer tas-sit.
18. Il-maniġer tas-sit għandu jispezzjona s-sit fuq bażi regolari u mill-anqas kull staġun matul is-sena u

Order. ERA will be authorised to impose and enforce any conditions in such licences that are aimed at safeguarding the environment of the islets and to revoke any such licences in the event of any breach of conditions or evidence of environmental damage from visitor pressure.

4. No party larger than 10 persons shall set foot on the islets at any one time, unless duly permitted by ERA prior to the activity and following an assessment of the impacts of the proposed activity on the site's conservation objectives.
5. The existing concrete footpath on the main islet linking the jetty with the statue of St Paul shall be retained and maintained. No additional footpaths shall be allowed on the islets.
6. Except for workers engaged in undertaking specific management work on the islets, visitors are required to stick solely to the designated footpath.
7. The killing, capture, trapping, maintaining in captivity, taxidermy, commercial exploitation, as well as picking and hunting of any species of flora and fauna on or from Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) is prohibited, except for the purpose of scientific study in particular cases only and as provided for in this Order.
8. Except as provided for in this Order, no physical development or installation of equipment whatsoever shall be allowed anywhere on the islets.
9. Disused structures of recent origin will be dismantled so that their vacated site can regenerate naturally unless such intervention is deemed to generate unacceptable impacts, in which case, the provisions of regulation C(20) shall apply.
10. Picnics, barbecues, camping and other recreational activities (except as provided for in this Order) are strictly prohibited from the SAC.
11. No commercial activities are allowed to take place anywhere within the site
12. Lighting of any form of fire on the islets is strictly prohibited.
13. Access to pets is strictly prohibited anywhere on the islets.
14. The introduction of any animal or plant species not native to the islets is strictly prohibited.
15. The introduction or carrying of any food items on the islands is strictly prohibited.
16. Littering, dumping or discarding of any material anywhere within the SAC is strictly prohibited.
17. Manual clean-up of accumulated flotsam from the islet's coast shall be carried out periodically by the site manager.
18. The site manager shall inspect the site on a regular basis and at least seasonally throughout the year

kull ġimgħa matul is-sajf. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinfurzaw id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni u jimmonitorjaw attivitajiet li jsiru fuq il-gżejjer u l-impatti tagħhom sabiex jiġu identifikati kwalunkwe miżuri ta' tmexxija addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu salvagwardjati l-gżejjer u l-ispeċi tagħhom.

19. Il-maniġer tas-sit għandu jinvolvi ruħu ma' Transport Malta, il-Forzi Armati ta' Malta u l-Pulizija ta' Malta biex jistabbilixxi rondi fuq il-baħar madwar il-gżejjer bejn Mejju u Ottubru.

20. Minħabba li l-agrikoltura fuq il-gżejjer ilha abbandunata u l-attivazzjoni tagħha mill-ġdid mhijiex mixtieqa mill-perspettiva tal-bijodiversità, il-ħitan tas-sejjieħ u strutturi rurali oħra preżenti fuq il-gżejjer ma għandhomx jinbnew iżda għandhom ikunu ippreservati bħala rovini minħabba l-importanza tagħhom għall-ħajja selvaġġa tal-gżejjer.

21. Fi żmien sena mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jikkummissjona studju biex jiddetermina l-impatt fuq il-bijodiversità tal-gżejjer li ġej mid-dwal li ddaħħal biex idawlu l-istatwa ta' San Pawl u għandu jimplimenta dawk il-miżuri korrettivi proposti mill-istudju li jkun hemm bżonn.

22. L-ebda persuna ma għanda twettaq riċerka xjentifika *in situ* fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) u l-fawna u l-flora tagħhom sakemm ma tkunx fil-pussess ta' permess ambjentali mill-ERA.

23. Applikazzjonijiet tal-permessi għal kwalunkwe attività jew operazzjoni regolata minn dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-ERA mill-anqas 30 jum ta' xogħol qabel l-attività jew l-operazzjoni inkwistjoni.

Jekk il-propjetà soġġetta ta' din l-Ordni ta' Konservazzjoni b'xi mod tiġrilha ħsara jew tkun mibdula f'kontravenzjoni ma' din l-Ordni jew l-istat tagħha bħala sit ta' Żona Speċjali ta' Konservazzjoni/sit Natura 2000 huwa bi kwalunkwe mod ipperikolat jew irrevokat, jew jekk kwalunkwe persuna twettaq attivitajiet jew azzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni tal-Konservazzjoni, l-Awtorità għandha teżerċita l-poteri ta' infurzar tagħha kif stabbilit fir-Regolament 49 tal-Avviż Legali tal-2006, kif ikun applikabbli.

Id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Avviż Legali 25 tal-1993 sakemm dan tal-aħħar ma jkunx inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti. F'każ ta' inkonsistenza, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu.

L-14 ta' Diċembru, 2016

and weekly during summer. These inspections shall enforce the provisions of this Order and monitor activities undertaken on the islets and their impacts in order to identify any additional management measures that may be required to safeguard the islets and their species.

19. The site manager shall engage with Transport Malta, the Armed Forces of Malta and the Malta Police Force to establish maritime patrols around the islets between May and October.

20. In view that agriculture on the islets has long been abandoned and its reactivation is not desired from a biodiversity point of view, the rubble walls and other rural structures present on the islets shall not be rebuilt but shall be preserved as ruins in view of their importance to the islets' wildlife.

21. Within one year of the issue of this Order, the site manager shall commission a study to determine the impact on the islets' biodiversity of the lights introduced to light up the statue of St Paul and shall subsequently implement any corrective measures proposed by the study.

22. No person shall undertake any *in situ* scientific research on Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) and their fauna and flora unless in possession of an environmental permit from the ERA.

23. Permit applications for any activities or operations regulated by these regulations are to be received by the ERA at least 30 working days prior to the activity or operation in question.

If the property subject of this Conservation Order is in any way damaged or altered in contravention of this Order or its status as a Special Area of Conservation/Natura 2000 site is in any way jeopardised or rescinded, or if any person undertakes activities or actions in breach of the provisions of this Conservation Order, the Authority shall exercise its powers of enforcement as set out in Article 49 of Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L.549.44), as may be applicable.

The provisions and conditions laid down in these regulations shall be without prejudice to the Legal Notice 25 of 1993 to the extent that the latter are not inconsistent with these regulations. In case of inconsistency, these regulations shall prevail.

14th December, 2016

**Tabella 1: Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) "SAC"**



Figure 1: Il-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett) SAC



**Tabella 2: Żona fuq l-art prinċipali li għandu jsirilha kontroll tal-firien**



**Figure 2: Area on mainland to undergo rat control**

